Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 241 / 2017**

Il-Pulizija

vs

**Jonathan Attard**

Illum, 12 ta Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 423584 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fix-xhur ta' Dicembru 2016 u Jannar u Frar 2017, naqas milli jaghti lil Raisa Micallef ghat-tifla minuri tieghu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18 u 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti sabet lill-imputat hat ital-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Attard minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha Filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li huwa fl-ebda hin ma jrid jonqos mill-obbligi tieghu, izda minhabba l-fatt li huwa ghamel zmien minghajr impieg, qed isibha ferm difficli li jhallas il-manteniment tax-xahar, flimkien mal-arretrati dovuti.

2. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment ihoss li jekk jintbghat xahar prigunerija, huwa jkun ulterjorment prekluz milli jilhaq l-obbligi tieghu, u tali nuqqas zgur li jkun anki ta' detriment fuq il-wild minuri tieghu Shelenia Attard.

3. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment ihoss li jekk jintbghat xahar prigunerija, huwa ser jitkecca mix-xoghol prezenti u prattikament ikun impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti ukoll, li barra minn dan, il-piena inflitta fil-konfront tieghu ma kienetx wahda idonea. Fil-fatt l-appellant instab hati bi ksur tal-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reati huma ta' natura kontravvenzjonali.

5. Illi konsegwentement, l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghet qatt tinfligga l-piena ta' xahar priginerija fil-konfront tieghu, meta ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena tista' tinghata biss ghad-delitti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mill-atti li in effetti l-appellant huwa obbligat li ihallas lil Raisa Micallef is-somma ta' mitt euro (€100) fil-gimgha lil Raisa Micallef skond digriet tal-Qorti Numru 537/12. Illi jidher car u dan anke minn dak li gier verbalizzat fl-atti I l-appellant ma hallasx l-ammont dovut minnu minkejja li s-sentenza ta' l-ewwel qorti inghatat fis-26 ta' April 2017 u ghalhekk ghaddew sentejn u nofs minn dak in0nhar u l-appellant ghadu debitur ta' Raisa Micallef u dan fl-ammont ta' €1450 kif verbalizzat fis-seduta tal-24 ta Ottubru 2019.

Illi dan l-agir tal-appellant hu inaccettabli u cioe li ma jonerax id-digriet tal-Qorti. L-appellant jghid li huwa naqas li ihallas manteniment peress li kien hemm zi=mien meta safa bla xoghol u fil-present jinsab il-habs. Illi ma jidhirx li l-appellant ha xi passi gudizzjajri sabiex jottjeni xi modifika fid-digriet tal-Qorti u ghalhekk dak ordnat minnha irid jigi onerat.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar [1]** kienet irriteniet testwalment hekk:-

"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar** [2]- 10.3.1995 u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia**[3] ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null. "

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar it-2 ta Settembru, 1999
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar l-10 ta Marzu 1995
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar tat-23 ta Jannar 1998

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova:-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)
2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma.

L-appellant stqarr fir-rikor tal-appell tieghu li huwa ma hallasx i-manteniment ghaliex safa bla xoghol u illum qieghed il-habs. Din il-Qorti tirrileva li gie diversi drabi ribadit mill-Qorti taghna illi l-fatt illi persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat ghaliex sfat bla xoghol mhijiex raguni sabiex dak li jkun jonqos mill-obbligi tieghu illi jipprovdi l-manteniment lil martu u lil uliedu.

Kif gie ritenut fil-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Saliba:-**[4]

*" ........jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahx mill-obbligi taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu hu illi kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utili li l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet".*

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti tal-Familja, li ordna l-hlas ta' manteniment, din il-qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma' tali digriet jew sentenza tkun xi tkun ir-raguni jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Qorti tal- Familja, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha.

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar il-15 ta Lulu 1998

Illi fl-ebda hin ma l-appellant ikkontesta li huwa fil-fatt hu obbligat ihalals da nil-manteniment anzi vverbalizza fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019 li ghadu debitur tal-kwerelanti fis-somma ta' €1,100

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kienet pacenzjuza mal-appellant tant li r-rikros tal-appell dam pendenti quddiem din il-Qorti sa mit-8 ta' Mejju, 2017 bl-intendiment li l-appellant jghamel il-pagament dovut minnu lil Raisa Micallef izda inutilment stante li ghad fadal ammont sostanzjali x'jithallas.

Konsegwentement din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tikkonfermaha fl-inter taghha kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur